National Commission
Persons with Disability

# Special Identity Card and the Register of Persons with Disability

## THE SPECIAL IDENTITY CARD

**Eligibility**

**Who can apply for the SID?**

If you are a person with disability, irrespective of gender and age, as defined by the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act 2000, then you may be entitled for the SID.

**Procedure**

**What should I do?**

If you fulfil all the eligibility criteria, you should fill in the appropriate application form, which is available from KNPD.

## DOCUMENTS REQUIRED

**What do I need?**

1. A Doctor Certificate
2. Two passport size photographs, one of which should be endorsed by a professional person.

## CARD BENEFITS

**How and where can the SID be used?**

There are places which give priority, according to need, to disabled persons who are holders of the SID. Other places offer subsidies on membership or on entrance fees. One should check about this with the relevant place.

## REGISTER OF PERSONS WITH DISABILITY

**Description**

**What does this service include?**

The list of persons with disability registered with KNPD can be used to:

- Collect statistics in order to help in the formulation of policies and research.
- Provide persons with disability and their families with up to date information so that they will be in position to make informed decisions.
- Enable organisations and individuals to communicate with persons with disability and /or their families.

## ELIGIBILITY

**Who can be in this Register?**

Any person who qualifies for a SID issued by KNPD can be in this Register.

**Who can use the data in this Register?**

Any organisation or individual who would like to communicate with persons with disability and their families who are registered with KNPD, can make use of this service.

## CONFIDENTIALITY

KNPD is bound by the Equal Opportunities Act (Persons with Disability) to respect in the strictest way the confidentiality of information which the KNPD has concerning persons with disability and their families. In no way can private information about persons with disability and their families be divulged to any organisation or individual.

## PROCEDURE

**What should I do to be included in this Register?**

Every person who applies for a Special Identity Card at KNPD is asked to fill in a detailed questionnaire. The information is inputted in a computer and the confidentiality of persons registered is respected at all times.

**What should I do to use the data on the Register?**

Organisations or individuals who would like to communicate with persons registered with the KNPD should follow this procedure:

- A request in writing addressed to the Executive Director of KNPD.
- KNPD has to receive this letter together with the material to be sent, at least three weeks in advance.
- The material can be aimed at different categories of persons on the Register, that is by age, gender, locality, and impairment category.
- KNPD sends this material by post together with a note explaining this process and assuring full confidentiality. The note also specifies that the material being sent is the responsibility of the sender and not that of KNPD.
- All postage expenses are borne by the sender.
- Commercial organisations are also asked to cover other administrative expenses.

## Brief overview of services

**The National Commission Persons with Disability (KNPD) issues a Special Identity Card (SID) for persons with disability. The SID identifies one as a disabled person who can thus apply for further services. KNPD maintains a Register of Persons with Disability sorted by locality, gender, age and different impairent.**

More information:
**National Commission**
**Persons with Disability**
Bugeia Institute
Braille Street
Santa Venera SVR 1619
Tel: 2278 8555
SMS only: 7978 8555
Fax: 2278 8490
Email: helpdesk@knpd.org
**www.knpd.org**

FOR DIVERSITY AGAINST DISCRIMINATION

This factsheet is partly financed by the Progress Programme of the European Union.
The information contained therein does not necessarily reflect the opinion and position of the European Commission.

Kummissjoni Nazzjonali
Persuni b'Diżabilità

# Karta tal-Identità Speċjali u r-Reġistru tal-Persuni b'Diżabilità

## KARTA TAL-IDENTITÀ SPEĊJALI

**Eliġibilità**

**Min jista' japplika għall-Karta tal-Identità Speċjali?**

Kull persuna b'diżabilità hi x'inhi s-sess jew l-età, hija intitolata għall-KIS jekk l-applikant għandu diżabilità kif inhi definita fil-Liġi Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità).

**Proċedura**

**X'għandi nagħmel biex napplika?**

Jekk inti eliġibbli għall-Karta tal-Identità Speċjali, tista' timla formola tal-applikazzjoni li tista' ġġib mill-uffiċini tal-KNPD jew inkella fuq il-website tal-KNPD: www.knpd.org

## DOKUMENTI MEĦTIEĠA

**X' għandi bżonn?**

- Ċertifikat tat-tabib mimli li jinsab fil-formola tal-applikazzjoni
- Żewġ ritratti daqs ta' passaport reċenti – wieħed minnhom iffirmat minn professjonist/a.

## BENEFIĊĊJI

**Fejn tista' tintuża l-Karta tal-Identità Speċjali?**

Hemm postijiet li jagħtu prijorità fis-servizzi tagħhom skont il-ħtieġa, lill-persuni b'diżabilità li għandhom il-KIS. Hemm ukoll postijiet li jagħtu sussidju fuq is-sħubija jew l-entratura. Wieħed għandu jiċċekkja dwar dan mal-post konċernat.

## IR-REĠISTRU TAL-PERSUNI B'DIŻABILITA'

**X'jinkludi dan is-servizz?**

Dan is-servizz jinkludi lista ta' persuni b'diżabilità reġistrati mal-KNPD li tintuża sabiex:

- Jinħarġu statistiċi li jgħinu fit-tfassil ta' policies u f'riċerka.
- Jinżammu aġġornati l-persuni b'diżabilità u l-familji tagħhom bis-servizzi u informazzjoni oħra relatata mal-qasam tad-diżabilità.
- Organizzazzjonijiet u individwi jkunu jistgħu jikkomunikaw ma' persuni b'diżabilità u/jew il-familji tagħhom.

## ELIĠIBILITA'

**Min jista' jidħol f'dan ir-reġistru?**

Kull persuna b'diżabilità li tikkwalifika għall-KIS tista' tidħol f'dan ir-Reġistru.

**Min jista' juża d-data ta' dan ir-reġistru?**

Kull organizzazzjoni jew individwu li tixtieq tikkomunika mal-persuni b'diżabilità u l-familji tagħhom reġistrati mal-KNPD tista' tagħmel użu minn dan is-servizz.

## KUNFIDENZJALITA'

Il-KNPD hi marbuta bil-Liġi Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità) li żżomm bl-aktar mod strett il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni li hi tirċievi dwar persuni b'diżabilità u l-familji tagħhom. Għalhekk hi bl-ebda mod ma tista' tagħti xi informazzjoni privata dwar persuni b'diżabilità jew il-familji tagħhom lil xi organizzazzjoni jew individwu.

## PROĊEDURA

**X'għandi nagħmel biex nidħol fir-reġistru?**

Kull persuna li tapplika għal xi servizz minn naħa tal-KNPD tiġi reġistrata awtomatikament f'dan ir-Reġistru. L-informazzjoni tinġabar bil-kompjuter b'mod li titħares kompletament il-kunfidenzjalità tal-persuni reġistrati.

**X'għandi nagħmel biex nuża d-data tar-Reġistru?**

Organizzazzjonijiet jew individwi li jixtiequ jikkomunikaw mal-persuni reġistrati mal-KNPD għandhom isegwu din il-proċedura:

- Trid issir talba bil-miktub (b'ittra jew permezz ta' email) lid-Direttur Eżekuttiv tal-KNPD. Flimkien mal-ittra tintbagħat kopja taċ-ċirkulari li tkun se tintbagħat lill-persuni b'diżabilità
- Il-materjal li jkun ser jintbagħat lill-persuni b'diżabilità irid jasal għand il-KNPD tal-anqas tlett ġimgħat qabel l-attività li tkun se tiġi organizzata jew id-deadline li jkun hemm fiċ-ċirkulari. L-envelopes bil-materjal fihom iridu jitħallew miftuħa meta jaslu fl-uffiċini tal-KNPD.
- Dan il-materjal jista' jintbagħat lill-kategoriji differenti ta' persuni b'diżabilità fir-Reġistru skont l-età, sess, lokalità u kategoriji differenti tad-diżabilità.
- Il-KNPD tibgħat dan il-materjal bil-posta hi stess b'nota minnha li tispjega dan il-proċess u tassigura li l-kunfidenzjalità ta' kull persuna reġistrata tkun qed tinżam. In-nota tgħid ukoll li l-materjal li jkun qed jintbagħat hu responsabilità ta' min ikun qed jibagħtu u mhux tal-KNPD.
- L-ispejjeż tal-posta jridu jitħallsu minn min jibgħat il-materjal.
- Organizzazzjonijiet kummerċjali jintalbu ukoll iħallsu spejjeż amministrattivi oħra.

**Is-servizz fil-qosor**

**Il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità (KNPD) toħroġ Karta tal-Identità Speċjali (KIS) lill-persuni b'diżabilità. Bil-KIS persuna tista' tapplika għas-servizzi miftuħa għall-persuni b'diżabilità. Il-KNPD iżżomm reġistru ta' persuni b'diżabilità imqassmin skont il-lokalita, sess, età u kategoriji differenti ta' diżabilità.**

Għal iżjed informazzjoni:
**Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità**
Bugeia Institute
Triq Braille
Santa Venera SVR 1619
Tel: 22788555
SMS biss: 79788555
Fax: 22788490
Email: helpdesk@knpd.org
**www.knpd.org**

NGĦOŻŻU D-DIVERSITÀ DISKRIMINAZZJONI QATT

Din l-attività hi ffinanzjata parzjalment mill-Fondi tal-Programm Progress tal-Unjoni Ewropea. L-informazzjoni f'din il-pubblikazzjoni mhux neċessarjament tirrifleti l-opinjoni u l-pożizzjoni tal-Kummissjoni Ewropea.